Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

Illum, is-27 ta' Mejju 2021

**Pulizija**
**(Spettur Alfredo Mangion)**
**vs**
**Raymond Galea**
**(439365M)**

***Kumpilazzjoni numru: 147/2018***

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet migjuba fil-konfront ta' Raymond Galea iben Joseph u Concetta nee' Axisa, mwieled iz-Zejtun nhar il-31 t'Awwissu 1965 u residenti gewwa Raymond F/H, Delimara, Limiti ta' Marsaxlokk u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 439365M.

Fejn huwa gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Settembru 2017, gewwa Sit ta' Kostruzzjoni fi Triq Pietro Floriani, il-Floriana u f'dawn il-gzejjer.

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' Christopher Casaletto f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christopher Casaletto, skond kif iccertifikat minn Dr. Daniele Lauretta Agius M.D.

2. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Illi fil-25 ta' Awwissu 2020 l-Avukat Generali pprezenta l-Artikoli, (*a fol.* 128 tal-atti processwali) wara li dehrlu li mill-kompilazzjoni tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dawk li hemm mahsuba:

1. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 214 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tad-29 ta' Settembru 2021, l-imputat wiegeb li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2018 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali kif ukoll fl-atti tal-kawza 'Pulizija vs Christopher Casaletto' li nstemghat kontestwalment mal-kawza odjerna.

Rat ix-xhieda ta' PS36 Jean Paul Zahra, l-iSpettur Alfredo Mangion u Jeremy Briffa moghtija fl-14 ta' Gunju 2018.

Semghat ix-xhieda ta' PC 352 Keith Borg u Dr Daniele Lauretta Agius fis-seduta ta' l-4 t'Ottubru 2018. Illi x-xhieda ta' PC 352 Keith Borg reghat instemghat fit-13 ta' Gunju 2019.

Semghat ix-xhieda ta' Dr Silvio J Grixti fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2019.

Semghat lil *parte civile* Christopher Casaletto fejn iddikjara illi ma' jridx jixhed fil-konfront ta' l-imputat u dan stante li jistgha jinkrimina ruhu fi proceduri li hemm fil-konfront tieghu quddiem din il-Qorti hekk preseduta. Il-*parte civile* iddikjara ukoll illi qed jirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fir-rigward ta' l-imputat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet fejn l-Ufficjal Prosekutur irrimetta ruhu ghal provi migjuba u ghad-decizzjoni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi PS 36 Jean Paul Zahra xehed illi fis-26 ta' Settembru 2017 ghal habta tat-3.00pm kien ircieva telefonata minghand PC352 li huwa stazzjonat Mater Dei fejn qallu li kien dahal persuna li kien involut f'glieda f'sit ta' kostruzzjoni fi Triq Pietro Floriani, gewwa Floriana. Hu mar l-isptar flimkien max-xufier tieghu fejn sabu lil Christopher Casaletto, li gharaf fl-awla, li kien fuq stretcher u kellu kullar ghax ma setghex jicaqlaq. Hu tah il-verzjoni tieghu li qieghda mnizzla fir-rapport li hawn pprezentat fl-atti processwali.

Illi fl-istess seduta xehed l-iSpettur Alfredo Mangion fejn qal illi kienu ittiehdu zewg stqarrijiet wahda ta' Christopher Casaletto fejn kienet prezenti l-avukat Dr. Stephanie Abela, li xhud pprezenta u gie mmarkat bhala Dok AM1 u li kien ipprezenta certifikat mediku mahrug minn Dr. Daniela Agius fejn gie indikat li kellu griehi gravi, liema document gie pprezentat u mmarkat bhala Dok AM2. L-istqarrija l-ohra ta' Raymond Galea li x-xhud pprezenta u gie mmarkat bhala Dok AM3[1], li kien iffirma ukoll rifjut tal-parir legali immarkat bhala Dok AM4[2] u certifikat mediku mahrug minn Dr. Silvio Grixti dwar il-griehi li garrab li gie immarkat bhala Dok AM5[3]. Jirrizulta li Raymond Galea hu recediv u x-xhud pprezenta sentenza fil-konfront tieghu immarkata bhala Dok AM6[4]. L-iSpettur ikkonferma li Christian Casaletto kien iddikjara mieghu li kellu certifikat iehor u li kien ser jipprezentah hu stess lil Qorti.

Illi fl-istess seduta xehed Jeremy Briffa fejn qal illi xi hames xhur qabel kien hemm incident fuq il-post tax-xoghol gewwa Floriana li kien inqala' fuq tornavit bejn l-imghallem tieghu Chris Casaletto li gharaf fl-awla u persuna ohra li ma kienx jaf x'jismu izda gharaf ukoll fl-awla bhala Raymond Galea. Kienu ilhom xi tlett ijiem jahdmu hemm jaghmlu xoghol ta' dawl u ilma, izda kienet l-ewwel darba li kien ra lil Raymond Galea, li kien qieghed jaghmel xoghol ta' tindif u kien ha t-tornavit mill-barmil. Kienu sejrin brejk u kien ghadu fuq it-tavluna u kien hemm persuna li qal xi kliem lil imghallem teighu u nqalghet glieda. Hu ma semghax il-kliem u ma rax x'gara imma jaf illi l-imghallem sofra griehi

---

[1] Fol. 29
[2] Fol. 31
[3] Fol. 32
[4] Fol. 33 *et seq*

taht ghajnejh ix-xellugija u fuq imniehru u kellu d-demm. Hu ikkonferma li l-Pulizija kienu kellmuh xi jiem wara l-incident izda ma′ setghex jiftakar li kien qalilhom li ra xi xambrella ittir u li ghaddiet minn mieghu.

Illi fl-4 ta′ Ottubru 2018 xehed Dr. Danielle Lauretta Agius[5] fejn qal illi kien invista lil Christopher Casaletto fis-26 ta′ Settembru 2017 li kellu qasma f′wiccu u taht ghajnejh il-leminija, brix fuq wiccu u fuq ghajnejh, genbu, ghonqu kollu fin-naha tal-lemin, u brix ukoll fuq idejh it-tnejn. Minhabba fil-qasma fuq wiccu hu kien ccertifika l-griehi bhala ta′ natura gravi fejn ipprezenta ic-certifikat mmarkat bhala Dok DLAX[6]. Ix-xhud qal illi hu kien rah dakinhar biss lil *parte civile* u ghalhekk ma setghax jiddentifikah. Ix-xhud spjega li qasma generalment ddum ftit granet u bejn seba′ u ghaxart ijiem ghandha tinghalaq kompletament, izda jiddependi jekk jkunx hemm problema biex il-persuna tfieq. Il-problema hi li tista′ thalli marka permanenti fuq il-wicc li tigi ta′ natura gravi izda ma′ setghax jghid jekk ser thalli marka jew jekk hallitx marka.

Illi fit-13 ta′ Gunju 2019 xehed PC 352, Keith Borg[7], illi fis-26 ta′ Settembru 2017 fit-3.30pm waqt illi hu kien stazzjonat fl-emergenza fl-isptar, gie infurmat minn tabib li kien dahal Christian Casaletto li kellu xi griehi wara li kien involut f′argument. Hu informa l-Ghassa tal-Belt li kienu baghtu lil xi hadd l-isptar biex jiehu l-istqarrija tal-persuna. Hu ma kellu ebda involvement iehor u lanqas ma′ kien prezenti ghall-istqarrija.

Illi fis-26 ta′ Settembru 2019 xehed Dr. Silvio Grixti li gharaf lil Raymond Galea fl-awla u kkonferma c-certifikat mediku li jinsab *a fol.* 32 fl-atti tal-kawza fil-konfront ta′ Raymond Galea. Il-pazjent kien mar ghandu fil-klinika tieghu fis-26 ta′ Settembru 2017 u kien qallu li kellu xi jghid ma′ xi hadd. Kellu ticrita u punti fin-nofs ta′ mniehru u kellu nefha u tbengil. Il-griehi kienu ta′ natura gravi peress illi qeghdin fil-wicc u permanenti.

**Ikkunsidrat**

Illi l-*parte civile* Christopher Casaletto ghazel li ma jixhidx f′dawn il-proceduri fil-konfront ta′ l-imputat, u dan stante illi jistgha jinkrimina

[5] Fol. 61A-61C
[6] Fol. 60
[7] Fol. 124

ruhu, kif ukoll iddikkjara illi qed jirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-konfront ta' l-imputat.

Illi ghalhekk wara li rat il-provi migjuba u semghat x-xhieda u d-dikjarazzjoni tal-*parte civile*, din il-Qorti hija konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma' gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lil imputat Raymond Galea **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u qeghda **tilliberah minnhom**.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat